PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1334

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 93 tat-13 ta' Marzu 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**INTERPELLANZI MIŻMUMA MILL-ISPEAKER – LEĠIŻLATURA 13**

**9. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER**: Jista' l-Ispeaker jgħid matul din il-Leġiżlatura (Numru XIII) s'issa, kemm-il mistoqsija parlamentari ġiet meqjusa minnu bħala li ma tistax issir? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-mistoqsijiet parlamentari u jgħid għal kull waħda minnhom minn min ġiet ippreżentata u x'kienet ir-raġuni li minħabba fiha huwa bħala Speaker iddeċieda li l-mistoqsija parlamentari ma tistax issir?

13.3.2018

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Minn 4,854 mistoqsija parlamentari li ġew preżentati matul din il-Leġiżlatura, in-numru ta' mistoqsijiet li ġew miżmuma mis-Sedja kienu tlieta li saru mill-Onor. Simon Busuttil. Ir-raġuni li għaliha nżammu kienet li ma kenux jikkonformaw mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra partikolarment fir-rigward tal-Ordni Permanenti 26(1) li jgħid li:

> "Jistgħu jsiru interpellanzi fil-bidu tax-xogħol pubbliku lil kull Ministru dwar ħwejjeġ pubbliċi jew lil kull membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew membru jkun responsabbli."

Fl-applikazzjoni tal-Ordni fuq imsemmi s-Sedja żammet il-mistoqsijiet għar-raġuni li kienu qed jitolbu informazzjoni dwar ħwejjeġ li mhumiex pubbliċi.

Is-Sedja tixtieq tinforma lill-Membru li mhix f'pożizzjoni li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokument li nstab li jmur kontra l-Ordnijiet tal-istess Kamra. Madankollu l-Onor. Membru jista' jiġi jara dawn id-dokumenti fl-Uffiċċju tal-iSpeaker.

Irid jingħad li s-Sedja jkollha numru ta' interpellanzi oħra li dwarhom tiġbed l-attenzjoni li mhumiex skont l-Ordnijiet Permanenti u li sussegwentement, wara li l-Onorevoli Membru jemendahom, jiġu aċċettati u mgħoddija lill-Ministru li lilu jkunu indirizzati. Din hija proċedura li ilha tintuża s-snin.

Seduta 93
13.3.2018